MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2010

Numru 125/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Rapa**
***-- omissis --***

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-5 ta' Marzu 2010 u li permezz taghha Joseph Rapa (bin Carmel u Pauline nee Spiteri, imwieled Ghajnsielem fl-14 ta' Frar 1944, detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 15944G) gie kkundannat sentejn u nofs prigunerija, filwaqt li Carmel Rapa gie kkundannat ihallas multa ta' €500. L-appell gie interpost biss minn Joseph Rapa, u gie trattat quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-21 ta' Mejju 2010.

**2.** Fid-29 ta' Awwissu 2006 Joseph Rapa u Carmel Rapa tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

bhala Qorti Istruttorja akkuzati talli fit-28 ta' Awwissu 2006 ghall-habta tat-3.30 tal-filghodu f'Ghajnsielem, Ghawdex, (**1**) volontarjament ikkagunaw offiza gravi fuq il-persuna ta' Martin Xerri, liema offiza kkagunat debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew li gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem; (**2**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabdu oggetti iebsa u hebbew ghal Martin Xerri; (**3**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru l-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u (**4**) Joseph Rapa wahdu kien ukoll akkuzat li huwa sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jithassru.

**3.** Kif inghad, b'sentenza tal-5 ta' Marzu 2010 (u dan wara li l-kawza giet reza sommarja – ara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali a fol. 113, u l-adezjoni taz-zewg akkuzati fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2007, fol. 122) il-Qorti Inferjuri sabet lil Joseph Rapa hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu[1] u kkundannatu ghall-piena ta' sentejn u nofs prigunerija, filwaqt li Carmel Rapa instab hati biss li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq Xerri, ghalkemm huwa nstab hati wkoll skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Carmel Rapa gie kkundannat hames mitt euro.

**4.** L-aggravji tal-appellant Joseph Rapa, minnu migjuba fir-rikors ta' appell tieghu tas-16 ta' Marzu 2010, huma bazikament tnejn, u cioe` li hu ma kellux jinstab hati kif effettivament instab, u li fi kwalunkwe kaz il-piena kienet eccessiva. Huwa jikkontendi li meta ta "*daqqa wahda biss*" dan ghamlu "*bl-uniku skop li jahrab mill-aggressjoni li hu kien qed jissubixxi*", b'mod ghalhekk li huwa agixxa in legittima difeza. Skond l-appellant il-hsara permanenti f'ghajn Xerri ma kinitx dovuta ghal xi daqqa li hu ta: "*Kien biss fil-mument li Joseph Rapa xejjer daqqa kif ukoll fil-*

[1] Ghalkemm fid-*decide* tas-sentenza ma jinghadx espressament li huwa kien qed jinstab hati li kien recidiv, il-Qorti inferjuri mhux biss ikkwotat l-artikoli fil-Kodici Kriminali li jirrigwardaw ir-recidiva izda wkoll espressament ghamlet referenza ghall-fedina penali ta' Joseph Rapa u b'mod partikolari ghall-fatt li huwa kien precedentement instab hati "li kkawza feriti ta' natura gravi fuq il-persuna, proprju f'wicc Carmelo Grech…". Ir-referenza hija ghall-kundanna (sussegwentement konfermata minn din il-Qorti, diversament presjeduta) tas-6 ta' April 1990. Ghalhekk ir-recidiva kjarament hija dik skond l-Artikolu 49 u mhux skond l-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

*mument li l-konvenut [recte: ko-akkuzat] l-iehor Carmel Rapa xejjer daqqa ta' siggu lil Xerri illi l-istess Martin Xerri bhal qisu storda u waqa' fl-art. F'dan l-istess mument, jidher ukoll li hekk skond kif qal Xerri* a tempo vergine *lill-Pulizija, waqt li kien qed jaqa', huwa laqat ghajnu ma' xi oggett u spicca sabiex bl-istess waqa' kkawza dannu permanenti lil ghajnu l-leminija*." L-appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, jichad li huwa ta daqqa ta' "briksa" f'ghajn Xerri. L-appellant jistrieh hafna fuq id-deposizzjoni – specjalment it-tieni wahda – ta' Stephen Cutajar kif ukoll fuq id-deposizzjoni ta' dak li kien originarjament il-ko-akkuzat, cioe` Carmel Rapa. Huwa jinvoka wkoll l-attenwanti tal-provokazzjoni. Finalment huwa jilmenta li l-piena kienet eccessiva.

**5.** Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-provi kollha, u hi tal-fehma li l-ewwel aggravju tal-appellant – cioe` li ma setax jinstab hati kif effettivament instab peress li (i) jew ma kienx hu li ta d-daqqa li ghamiet lil Xerri minn ghajn wahda (ii) jew minhabba li hu kien qed jagixxi in legittima difeza, (iii) jew minhabba li kienet tapplika l-iskuzanti tal-provokazzjoni – hu infondat. Ma hemmx dubbju li kemm l-appellant kif ukoll Xerri, fil-gurnata u fil-hin tal-incident kif indikati fl-imputazzjoni, kienu xorbu sew. Minn dak li l-istess appellant qal lill-pulizija (fol. 37 u 38), u li ma gie minnu qatt kontestat, kontradett jew varjat, kien hu li ta d-daqqa ta' "briksa" li kkagunat il-menomazzjoni f'ghajn Xerri. Dan jirrizulta wkoll – u indipendentement – mid-deposizzjoni ta' Xerri (fol. 32), mill-ewwel deposizzjoni (cioe` dik tas-7 ta' Novembru 2006) ta' Stepehn Cutajar (fol. 49), u mid-deposizzjonijiet ta' Loreta Farrugia (fol. 52) u Brian Muscat (fol. 101). L-incident beda meta l-appellant kien qed jimmaltratta lil martu (li wkoll jidher li kienet xi ftit xurbana u li hija sekonda kugina ta' Xerri) u Xerri intervjena biex jipprova jiddefendiha. Imbottatura ggib lill-ohra, u f'hin minnhom, waqt li Xerri kien qed jipprova jerfa' lil kugintu minn ma' l-art, u fl-istess hin qed jillitiga ma' Joseph Rapa, dan ta' l-ahhar, bi "briksa" li sab fl-art, ta daqqa sew f'ghajn Xerri u faqaghhielu (ara d-deposizzjoni tal-kirurgu Thomas Fenech a fol. 135-136). Huwa minnu li kemm Cutajar fit-tieni deposizzjoni tieghu (in kontro-ezami u li nghatat ftit anqas minn sena w nofs wara l-ewwel

deposizzjoni tieghu aktar ‘il fuq imsemmija) kif ukoll Carmel Rapa (fol. 153) jippruvaw ipingu lil Xerri bhala li kien hu l-aggressur (anzi aggressur feroci) f’din l-affari kollha, pero` din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li dawn semplicement qed jippruvaw jaghtu palata lil Joseph Rapa – addirittura l-versjoni taghhom tmur ferm lil hin minn dik moghtija mill-istess Joseph Rapa lill-Pulizija! Bizzejjed jinghad li anqas hemm l-icken prova oggettiva – bhal, per ezempju, xi certifikat mediku, jew imqar xi xhud – li Joseph Rapa sofra xi offiza, anke jekk biss hafifa, f’din l-affari kollha – haga li kieku zgur kien igarrab kieku huwa verament gie aggredit bil-mod selvagg kif ippruvaw ipinguha dawn iz-zewg xhieda.

**6.** Mill-kumpless tal-provi, la kien hemm l-estremi mehtiega ghall-legittima difiza – kif korrettement osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, ma kien hemm ebda perikolu, ghal Joseph Rapa, li seta’ jigi evitat biss billi huwa jxejjer daqqa ta’ “briksa” f’ghajn Xerri, fi kliem iehor ma kien hemm ebda perikolu li kien “inevitabbli” – u anqas xi wahda mic-cirkostanzi ravvizati fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 230 tal-Kap. 9.

**7.** Nigu issa ghall-piena. Il-piena applikabbli ghal dan il-kaz hija – skond l-Artikolu 218(1)(a) tal-Kap. 9 – ta’ prigunerija minn minimu ta’ disa’ xhur sa massimu ta’ disa’ snin. F’dan il-kaz, id-debulizza permanenti fis-sahha tikkonsisti fit-telf komplet tal-vista mill-ghajn il-leminija. L-ewwel qorti, anke wara li qieset il-fedina penali tal-appellant, allura imputat, u in partikolari l-fatt li huwa diga` kellu kaz iehor (fl-1990) fejn instab hati li kkaguna offiza gravi fil-wicc ta’ persuna, ikkundannat lil Joseph Rapa ghall-piena ta’ sentejn u nofs prigunerija – piena li fic-cirkostanzi hija wahda gusta, tenut kont, kif inghad, li hawn si tratta ta’ telf tal-vista. Il-fatt li kulhadd jidher li kien xurban ma hu ta’ ebda rilevanza (Art. 34(1), Kap.9). Pero` gara li fil-mori ta’ dana l-appell, u precizament fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2010, Martin Xerri, fuq talba tal-appellant, ha l-pedana tax-xhieda u hafer lill-appellant. Huwa fisser li llum huwa kien thallas tad-danni li kien sofra, u fil-fatt fl-atti tal-kawza hemm ezibita kopja legali ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni

Superjuri, Sezzjoni Generali moghtija fl-10 ta’ Awwissu 2009 mnejn jirrizulta li Joseph Rapa gie kkundannat ihallas €40,744 bhala danni lil Xerri. Din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni din il-mahfra. Mill-banda l-ohra, kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, fejn si tratta ta’ offizi fuq il-persuna, il-piena ghandha tkun, bhala regola, dik ta’ prigunerija b’effett immedjat, peress li tali piena ghandha sservi fl-ewwel lok ta’ deterrent generali. Dan hu hekk aktar u aktar meta l-incident isehh fil-kuntest tal-festi li jsiru fid-diversi bliet u rhula f’Malta u Ghawdex matul is-sajf.

**8.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Joseph Rapa ghall-piena ta’ sentejn u nofs prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija, u tikkonferma s-sentneza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------